MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 320/2012

**Cyril Valiere (ID004556A)**

**Vs**

**Brian Theuma (ID0043074M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) jew kull ammont iehor verjuri li jigi llikwidat minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi. Bhala danni sofferit mill-attur wara li l-intimat naqqas milli jikkompleta l-appalt lilu moghti fuq xoghol ta' kostruzzjoni li l-attur qabdu jaghmel fuq il-proprjeta tieghu 4, 6, 7 u 8 Triq il-Kuncizzjoni, Bormla u ghal-liema xoghlijiet l-intimat kien thallas ghalihom bil-quddiem. B'dan li l-intimat gie li abbanduna l-appalt lilu moghti. Dan l-ammont jinkudi wkoll il-penali miftehma ghad-dewmien mill-kontendenti kif jidher mill-iskrittura privata redatta minn Nutar Hugh

Grima fl-20 ta' April 2012, Dokument A hawn anness u liema somma tinkludi wkoll id-differenza fil-prezz oghla u l-attur qed ibassar li jkun kostrett ihallas lill-kuntrattur iehor biex dan ilesti x-xoghlijiet li baqghu ma gewx ikkompletati mill-konvenut nonostante li dan kien thallas ghalihom minn qabel.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2402/12 tat-23 t'Awwissu, 2012. Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hlas indebitu li ghamel l-attur lill-konvenut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti in atti a fol 3 u fol 4 u markat DokA.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-konvenut, kif jidher mill-atti, gie notifikat skont il-ligi bl-avviz in esami sabiex jidher ghas-seduta tallum izda hu ma deherx u lanqas ssottometta xi prova ta' risposta in kontestazzjoni tat-talbiet attrici.

Illi, da parti tieghu, xehed l-attur fis-seduta tallum stess u kkonferma taht gurament dak kollu premess fl-istess avviz u r-raguni l-ghala l-ammont hemm indikat hu dovut u dan a bazi tal-iskrittura msemmija u markata Dok A ffirmata skont il-ligi bejn l-istess partijiet.

Illi ghalhekk, dak mitlub mill-attur ghandu jigi akkolt hlief in rigward l-imghax dovut li, trattasi ta' kwistjoni civili, ghandu jidekorri mid-data tal-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 2402/12 presentat fit-23 t'Awwissu, 2012.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------